# LECTIO DIVINA

# It-Tmienja u Għoxrin Ħadd

# Matul is-Sena (Sena C)

**Lq 17,11-19**

## "Fejn huma d-disgħa l-oħra? "

**"Ġara li huwa u sejjer lejn Ġerusalemm, Ġesu' għadda minn bejn is-Samarija u l-Galilija."** (v.11)
Matul din it-triq *"hu rafa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna"* (Is 53,4; ara Mt 18,14-17).
***'sejjer lejn Ġerusalemm'***: In-nisrani huwa msejjaħ biex imur lejn Ġerusalemm wara Ġesu'.

**"Kif kien dieħel f'raħal, iltaqgħu miegħu għaxart irġiel morda bil-lebbra. Waqfu 'l bogħod minnu, għollew leħinhom u qalulu: "Ġesu', mgħallem, ikollok ħniena minna!"** (v.12-13)
***'Waqfu 'l bogħod minnu'***: minħabba l-impurità tagħhom. Il-liġi tal-Levitiku kienet tgħid: *"Il-marid bil-ġdiem għandu... jgħajjat: 'Mniġġes! Mniġġes!' Kemm idum marid ikun miżmum b'imniġġes li hu, u jgħix waħdu f'post barra mill-kamp"* (13, 45-46).
***'għollew leħinhom u qalulu: "Ġesu', mgħallem, ikollok ħniena minna!'***: Huma għarfu l-mard tagħhom: *"Il-bnedmin kollha dinbu"* (Rum 3,23). Flok waqfu fuq dak li tgħid il-liġi għamlu att ta' fidi f'Ġesu'.

**"Kif rahom, qalilhom: 'Morru uru rwieħkom lill-qassisin.' U ġara li, huma u sejrin, fiequ mill-marda tagħhom."** (v.14)
***"Kif rahom'***: Anke jekk isir 'mill-bogħod', it-talb iqarribna lejn Ġesu': *"Qrib il-Mulej lejn kull min isejjaħlu, lejn kull min isejjaħlu fis-sewwa"* (Salm 145,18).
***'Morru uru rwieħkom lill-qassisin.'***: Il-fidi f'Ġesu' titlob ubbidjenza għal dak li jrid minna.

***'U ġara li, huma u sejrin, fiequ mill-marda tagħhom.'***: L-ubbidjenza fil-fidi twassal lil Ġesu' jfejjaqhom anke mill-bogħod.

**"Wieħed minnhom, kif ra ruħu mfejjaq, raġa' lura jgħajjat u jfaħħar lil Alla, inxteħet wiċċu fl-art f'riġlejn Ġesu' u raddlu ħajr. Issa dan kien Samaritan."** (v.15-16)

***'Wieħed minnhom, kif ra ruħu mfejjaq, raġa' lura...'***: Flok baqa' sejjer għand il-qassisin fit-tempju mar f'Tempju ieħor fejn jgħammar Alla, għand Ġesu'. Sħabu l-oħra baqgħu sejrin jissodisfaw il-liġi, u b'hekk dehrilhom 'li m'humiex midjunin ma' Ġesu''. Huwa ħares lura u għaraf l-awtur tal-fejqan tiegħu (il-kelma 'rispett' ġejja mill-kelma latina 'respicere', tħares lura). Ikkonċentra fuq Ġesu', sorpriż bir-rigal.

***'raġa' lura jgħajjat u jfaħħar lil Alla'***: Ingħaqad ma' dawk li wara li sabu ruħhom f'kuntatt mal-qawwa tal-ħniena ta' Kristu, faħħru lil Alla: *"U dak (il-paralitiku) minnufih qam quddiemhom, qabad il-friex li fuqu kien mixħut, u telaq lejn id-dar ifaħħar lil Alla. U lkoll baqgħu mistagħġba u bdew ifaħħru lil Alla"* (Lq 5,25-26); Wara l-qawmien ta' bin l-armla ta' Najm, in-nies *"bdew jagħtu glorja lil Alla u jgħidu:... 'Alla żar il-poplu tiegħu"* (Lq 7,16); L-agħma ta' Ġeriko wara li rċieva d-dawl *"baqa' miexi warajh jagħti glorja lil Alla. U l-poplu kollu li ra dan beda jfaħħar lil Alla"* (Lq18,43). It-tifħir lil Alla kien l-iskop tal-missjoni ta' Ġesu': *"Jien igglorifikajt lilek fuq l-art billi temmejt ix-xogħol li tajtni nagħmel"* (Ġw 17,4).

***'inxteħet wiċċu fl-art f'riġlejn Ġesu' u raddlu ħajr.'***: jagħraf il-vojt tiegħu u d-dipendenza assoluta minn Ġesu'. Il-fidi vera titlaq mill-għajta għall-għajnuna, għar-ringrazzjament u issa għall-ġest hekk kbir tal-adorazzjoni.

***'Issa dan kien Samaritan'***: mhux biss eskluż għax marid bil-ġdiem iżda eskluż għax barrani: *"Kif inti Lhudi u qiegħed titlob lili, Samaritana, biex nagħtik tixrob?"* (Ġw 4,9).

**"U Ġesu' qabad u qal: 'Mhux l-għaxra fiequ mil-lebbra? Fejn huma d-disgħa l-oħra? Ma kien hemm ħadd minnhom li raġa' lura biex jagħti glorja lil Alla ħlief dan il-barrani?' Imbagħad qallu: 'Qum, mur; il-fidi tiegħek salvatek.'" (v.18-19)**

***'Mhux l-għaxra fiequ mil-lebbra? Fejn huma d-disgħa l-oħra?'***: B'din il-mistoqsija Ġesu' qed juri kemm il-qalb hija nkapaċi li trodd ħajr, mod partikolari minn dawk "ta' ġewwa".

'dan il-barrani': għax ma kienx iben il-Wegħda u 'barrani' għall-Poplu l-Magħżul,

***'Qum, mur; il-fidi tiegħek salvatek.'***: Il-fejqan ma waqafx fl-aspett fiżiku biss imma wasal għall-fejqan tar-ruħ, is-salvazzjoni. Mhux lil kull min fejjaq Ġesu' jgħid din il-kelma, imma lil ftit nies: lill-midimba li kienet tinsab fid-dar ta' Xmun il-Fariżew (7,50); lill-mara li kienet tbati min-nixxiegħa tad-demm (8,48); lill-agħma ta' Ġeriko (18,42). F'dawn it-tliet każijiet il-fidi tagħhom wasslithom imorru 'l hinn mil-liġi: il-

midimba taħsillu saqajh u l-mara bit-tnixxija tad-demm tmiss il-mantar (il-liġi ma kinitx tippermettilhom jagħmlu dan) u lill-agħma quddiem dawk li ppruvaw isikktuh beda jgħajjat iktar.
Meta l-imġiddmin obdew lil Ġesu' ġisimhom tnaddaf, imma huwa r-ritorn lura lejn Alla biex troddlu ħajr, tadurah u tagħtih il-qima jwassal għas-salvazzjoni, għall-vera fidi.

**Għar-rifessjoni:**

- Is-Samaritan jagħraf li dak li għandu kien mogħti mhux bi dritt ('jien irċivejtu għax tlabtulek'), imma b'don. Dan wasslu biex imur lura jrodd ħajr lil Alla. San Bernard jgħid: *"La sola ingratitudine impedisce la crescita del nostro rapporto di grazia".* Kien it-talb ta' ringrazzjament li wassal għas-salvazzjoni. Quddiem id-doni kollha li Alla jagħti x'nista' nagħmel biex nitħarreġ iktar f'dan it-tip ta' talb?
- Nerga' lura nirrepeti l-ġesti tas-samaritan: jgħajjat – jobdi l-kelma – jerġa' lura – ifaħħar lil Alla...... sa ma nħalli l-Kelma t'Alla tgħidli: Qum (huwa l-verb tal-Irxoxt).
- Nitlob lil Alla jgħinni nagħraf it-traskuraġni tiegħi quddiem it-tjubija tiegħu lejja. Nitolbu maħfra għall-ingratitudni tiegħi.